Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-9 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 273/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**Versus**

**Edward Cardona**
**(175682M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Edward Cardona** detentur tal-karta tal-Identita' Maltija 175682M.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Mejju 2019 ghal habta ta' bejn it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u t-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs) fi Triq is-Saliba Imqaddes, Birkirkara;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Theresa Vella k/a Marthese persuna li tghix gewwa l-istess dar mal-awturi skont kif iccertifika Dr Jeffrey Bonnici, registration number 3214 tal-Isptar Mater Dei.

U aktar talli nhar il-5 ta' Mejju 2019 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Theresa Vella k/a Marthese biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew l-

proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

3. Ghamel lil Theresa Vella k/a Marthese ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, titratta mal-akkuzat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Theresa Vella billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll flimkien ma' hrug ta' ordni ta' protezzjoni tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront tal-akkuzat Edward Cardona u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-10 ta' Awissu 2020, (esebiti *a fol*. 97 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-artikoli 214, 215, 218, 222(1)(a) u 202(h)(v)) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 251B u 251H tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 339(1)((e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 ,387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi migjuba u rat n-nota ta' sottomisjonijiet tad-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed PS3 Kevin Grima[1] fejn qal illi fil-5 ta' Mejju 2019, fid-9.15 kien gie infurmat li fl-emergenza kienet dahlet mara ssofri minn xi griehi f'idejha wara li kien hemm argument f'residenza f'Birkirkara. Hu kien mar mal-kollega tieghu PC748 fejn tkellmu mal-mara, Tereza Vella, li infurmathom illi hi kienet ilha tghix ma' Edward Cardona fir-residenza tieghu ghal madwar sbatax-il sena. Ghall-ewwel kienu f'relazzjoni flimkien, izda ghalkemm ir-relazzjoni kienet illha disa' snin li spiccat, kienet baqghet tghix mieghu flimkien mat-tifla taghha, it-tifel taghha, l-gharusa tieghu u t-tifla taghhom. Dakinhar hi kienet caqalqet is-sodda li kienet mal-hajt u hargitha ghan-nofs, u meta Edward irritorna d-dar irrabja meta ra s-sodda fin-nofs u gholla s-sodda bil-goff u rega' ghamilha mal-hajt. Hi hasbet li Edward kien ser ihebb ghat-tifla u qamet biex izzommu, u hu hatfilha jdejha u rwijilha. Din ma kinitx l-ewwel darba li refa' jdejh fuqha, izda peress illi ma kellhomx fejn imorru jghixu qatt ma rrapportatu. Ix-xhud qal illi hu kellem lit-tifla taghha Patrizia li kkonfermat il-verzjoni ta' Tereza. Dr Jeffrey Bonnici kien iccertifika li Tereza kienet sofriet griehi gravi. Hu kien arresta lil Edward Cardona li gharaf fl-awla, fuq struzzjonjiet tal-iSpettur Delia, fejn innota li kellu girfa friska fuq sidru, u ghalhekk l-imputat ittiehed fil-polyclinic fejn gie ezaminat minn Dr Marcelle Schembri. Hu kkonferma li kien hejja r-rapport Dok CD4 li jinsab *a fol.* 11 sa 14, u li c-certifikat mmarkat Dok CD5 huwa certifikat li kien mghoddi lilu.

Illi xehdet Patrizia Galea[2] fejn qalet illi ma tafx meta gara l-kaz imma sakemm Edward Cardona, li gharfet fl-awla, kien mar jixtri filghaxija ommha qaltilha biex idawwru s-sodda. Kif gie lura Edward beda jillatika m'ommha u gholla s-sodda bis-sahha biex jaghmilha f'postha, u ommha hasbet li ha jghollilha fuqha u marret twaqqfu u kien ghollilha jdejha u ommha habtet idejha mal-hajt. Ommha bdiet tibki hafna bl-ugiegh u Edward hadha l-isptar u hi baqghet maghha l-isptar, fejn it-tobba kienu qalulha li jdejha kienet maqlugha minn postha. Ix-xhud qalet illi l-imputat ma kienx aggrediha lil ommha imma kemm qabdilha idejha.

Illi xehdet l-iSpettur Christina Delia[3] fejn qalet illi fil-5 ta' Mejju 2019 ghal habta tal-10.00pm, giet infurmatha minn PS 3 illi kienu gew infurmati mill-Pulizija stazzjonati Mater Dei, li kienet dahlet persuna Tereza Vella,

[1] A fol. 29a tal-atti processwali
[2] A fol. 29c tal-atti processwali
[3] A fol. 35a tal-atti processwali

li hija ukoll maghrufa b'kunjomha xebba bhala Marthese Galea, l-emergenza tbati minn griehi gravi skond certifikat ta' Dr Jeffrey Bonnici, li meta giet mitkellma ndikat li l-griehi kien ghamilhomlha Edward Cardona. Hi kienet ilha tghix ma' Edward Cardona ghal madwar sbatax-il sena, ghax ghall-ewwel tmien snin kienu f'relazzjoni flimkien. Wara li spiccat ir-relazzjoni, xorta baqghet tghix mieghu, u kienu wkoll jghixu maghhom it-tifla taghha, it-tifel flimkien mas-siehba tieghu u t-tarbija taghhom. L-argument inqala' ghax waqt illi Edward Cardona kien barra mid-dar, Tereza kienet resqet is-sodda minn mal-hajt, u kif irritorna d-dar u nduna bis-sodda mhux f'postha, kien qabad u tefaghha lura f'postha bil-goff u hi bezghat li ser jaghmel ghal bintha u marret twaqqfu. Kif ghamlet hekk hatfilha jdejha il-leminija u irwijilha. Bdiet tokrob bl-ugigh u kien Edward Cardona stess li hadha l-isptar flimkien ma' bintha. Tereza qalet li dan ma kienx l-ewwel darba, izda qatt ma kienet ghamlet rapport ghax kien ikecciha mid-dar u tispicca homeless. It-tifla kkonfermat il-verzjoni t'ommha. Hi ordnat lil PS3 biex jarresta lil Edward Cardona u meta gie arrestat gie nnutat li hu wkoll kellu xi griehi, izda dawn kienu gew iccertifikati bhala griehi ta' natura hafifa. L-ghada ghamlu kuntatt ma' l-Appogg biex ssir *risk assesment* kemm fuq l-imputat li kien gie *low risk,* kif ukoll il-*parte civile* li fil-kaz taghha kien gie *high risk*. Meta tkellmet mal-*parte civile*, qaltilha li kienet l-ewwel darba li kien refa' jdejh fuqha, izda kien hemm drabi fejn kien heddidha u qalilha li kien ser jahraqha hajja. Hi hadet l-istqarrija tal-imputat, li gharfet fl-awla, li wara li rrinunzja ghad-dritt ta' l-Avukat, hu qal illi kif poggew is-sodda kienu cekknu l-ispazju fil-kamra, u Tereza kienet ghajjritu li hu bla bajd u girfitu u hu kull m'ghamel kien li nehhilha jdejha minn ma' wiccu u mhux vera irwielha jdejha. Kull m'ghamel tajjrilha jdejha u qatt ma kien heddidha, u jekk xi darba qalilha li kien ser jahraqha hajja, dan qalulha bir-rabja, ghax ma jghaddilux minn mohhu li jaghmel xi haga simili. Ix-xhud ikkonfermat l-istqarrija Dok CD1. L-iSpettur ipprezentat sentenza datata 28/01/2016 immarkata bhala Dok CDX1[4] u certifikat mediku mmarkat Dok CDX2[5].

Illi xehdet Marthese Galea[6] fis-27 ta' Gunju 2019, fejn qalet illi riedet twaqqaf il-kawza u kkonfermat illi hija wkoll kienet maghrufa bl-isem Tereza Vella meta kienet xebba.

[4] A fol. 91 tal-atti processwali
[5] A fol. 94 tal-atti processwali
[6] A fol. 45a tal-atti processwali

Illi xehed Redent Farrugia[7] risk assessor mill-Appogg, fejn qal illi fis-6 ta' Mejju 2019 kienu cemplu mill-ghassa ta' Birkirkara biex jsir *risk assesment* fuq Teresa Vella, li spjegat illi minhabba d-dizabilita' taghha kienu caqalqu s-sodda. Meta Edward Cardona ra s-sodda fin-nofs kien gie aggressiv ghax ma riedhiex hemm, u Tereza allegat illi kien gibdilha idejha b'tali mod li kisirilha. Minhabba li kien hemm xi theddid r-*risk assesment* kien gie 14 ghalkemm hu ma rax griehi fuq il-*parte civile*.

Illi xehdet Ilona Micallef Deguara[8], *risk assessor* mill-Agenzija Appogg, fejn qalet illi fis-6 ta' Mejju 2019 kienet marret l-ghassa ta' Birkirkara biex taghmel *risk assesment* fuq Therese Vella kontra Edward Cardona, u li kien gie gholi bhala riskju. Ms Vella kienet b'cast f'idejha u allegat illi kienet ippruvat tressaq saqqu tas-sodda f'nofs il-kamra u Sur Cardona kien irrabja maghha u gibidha. Kien hadha hu stess l-isptar. Ix-xhud ikkonfermat ir-rapport tar-*risk assessment* li jinsab minn fol. 16 sa 23. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat li Tereza u bintha kienu qalulha li huma jghixu ma' Cardona fil-proprjeta' tieghu. It-tifla tghin lil ommha peress illi hija *house ridden* u Cardona jghinha finanzjarjament. Fil-fatt huma kienu offrewlha shelter izda hi riedet tkellmu u regghet marret lura.

Illi xehed Dr Jeffrey Bonnici[9] fejn ikkonferma c-ceritifkat mediku tieghu li jinsab *a fol.* 15, fejn wara li fil-5 ta' Mejju 2019 kien ezamina lil Tereza Vella kien iccertifika li kellha ksur tal-ispalla l-leminija u li kien ta' natura gravi.

Illi xehed Dr. Mario Scerri[10] fejn qal illi kien gie inkarigat sabiex jezamina lil Tereza Vella wara li allegat li kellha incident ma' l-imputat u spiccat b'frattura tal-*femural head* u *neck trauma*, li huma frattura tal-femur tal-lemin, li hija lezjoni ta' natura gravi perdurata. Meta ezaminaha kienet ghadha ma tistax tgholli idejha sew u kienet ghadha tkun mugugha. Hu ipprezenta rapport mmarkat Dok ECX1[11].

Illi xehdet Dr Marcelle Schembri[12] fejn ikkonfermat illi hi harget ic-certifikat immarkat Dok CDX2 fil-5 ta' Mejju 2019 fil-11.15pm, wara li ezaminat lil Edward Cardona li kellu girfa fuq in-naha tax-xellug ta' sidru li kienet ta' natura hafifa.

---

[7] A fol. 58 tal-process
[8] A fol. 62a tal-process
[9] A fol. 73a tal-process
[10] A fol. 77a tal-process
[11] A fol. 78 tal-process
[12] A fol. 95A tal-process

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal xi tmien snin, liema relazzjoni intemmet xi disa' snin qabel l-incident. Minkejja li ntemmet ir-relazzjoni l-*parte civile* baqghet tghix fid-dar ta' l-imputat flimkien mat-tfal taghha. Inqala' argument bejn il-partijiet fil-5 ta' Mejju 2019, fejn il-*parte civile* girfet sider l-imputat, hekk kif jirrizulta mic-certifikat li gie ezebit ta' Dr Marcel Schembri. F'dak il-hin skond l-istqarrija tal-imputat, hu tajrilha idejha izda l-*parte civile* qalet illi kien irwielha idejha. Illi aktar 'il quddiem fil-proceduri odjerni l-*parte civile* iddikjarat bil-gurament illi ma riditx tixhed fil-konfront ta' l-imputat, u fil-fatt din kienet marret lura d-dar tal-imputat ezatt wara l-incident u baqghet tghix mieghu. Illi t-tifla tal-*parte civile* Patrizia Galea li kienet prezenti waqt l-incident, xehdet li ommha kienet marret biex twaqqaf lill-imputat ghax hasbet lii kien ser jaghmel ghaliha u li '*hu ma kienx aggrediha imma kemm qabdilha idejha'*. Illi fil-fatt jirrizulta li kien l-istess imputat li kien ha lill-*parte civile* l-isptar.

Illi wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, tenut kont dawn il-fatti kollha u stante l-mankanza tax-xhieda tal-istess *parte civile* li ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat, ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddikjara lill-imputat Edward Cardona **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**